Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,272, 27 ta' Ġunju, 2014
Taqsima B

A.L. 210 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Criminology – B.A. (Hons) in Criminology – taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Criminology – B.A. (Hons) Criminology – taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjooni tal-Bord;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Criminology;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Criminology;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Criminology – B.A. (Hons) Criminology;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Criminology – B.A. (Hons) Criminology; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

(2) L-applikanti li japplikaw skont ir-regolament 2.2 (iii) tar-Regolamenti għad-Dħul ikunu meħtieġa joqogħdu għal eżami bil-miktub. Il-kandidati li jgħaddu ikunu msejħa għal intervista mmexxija minn bord tal-intervisti, maħtur għad dan il-għan. L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa jgħaddu kemm mill-eżami bil-miktub u kif ukoll mill-intervista.

(3) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord tal-Istudji għandu jkun magħmul għall-anqas minn tliet persuni.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full*-time jew ħames snin ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu ECTS.

(2) Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju għall-Grad, imfassal skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u kif approvat mis-Senat qabel il-bidu tal-Kors. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju.

6. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 60 krettu ECTS u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jkunux temmew il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma.

7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 30 krettu ECTS u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jkunux temmew il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti taċ-Ċertifikat.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

8. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tad-Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

9. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord tal-Istudji bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

It-Tħassir

10. L-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours)– B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Kriminoloġija, ippublikati bħala Avviż Legali 97 tal-2006, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-30 ta' Settembru 2014, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2014 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.